MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 30/2009

**John u Lilian konjugi Cremona**

**Vs**

**Michael Zahra**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta hamest elef tmien mija u hamsa u erbghin ewro u wiehed u disghajn centezmu (€5,845.91) bhala hlas dovut ghal kiri ta’ jeeps u petrol minghand “Conception Garage”, Pjazza San Guzepp, Qala, Ghawdex.

Min-naha tieghu l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici (fol. 13) u ddikjara li:

1. L-attur ma jafx kemm ghandu jigbor minghand il-konvenut peress li l-ammont li qieghed jitlob inbidel f’okkazzjonijiet differenti.
2. Il-hlas mitlub hu esagerat.

L-atturi ghandhom negozju ta’ kiri ta’ vetturi f’Ghawdex. Matul is-snin 2000 sa 2008 il-konvenut kien jikri vetturi minghand l-atturi, kif kien jikri minghand nies ohra f’Ghawdex. Il-vetturi kienu jintuzaw sabiex barranin li jkunu gew Malta ghal konferenzi, ikollhom gurnata ta’ attivita f’Ghawdex. Kien hemm drabi li l-vetturi kienu wkoll jinkrew biex jintuzaw Malta, f’liema kazijiet il-kera kienet oghla.

Jidher li l-kwistjoni bejn il-kontendenti hi dwar:-

a. In-numru ta’ vetturi li nkrew;
b. Ir-rata tal-kera ghal kull gurnata;

Il-problemi f’kawzi ta’ din ix-xorta hu li bejn il-kontendenti ma sar xejn bil-miktub. Jidher li kull parti kienet izzomm notament tal-kiri ta’ vetturi bil-mod kif taf hi, u l-kontendenti taw verzjonijiet differenti. Il-konvenut xehed: *“Ma kellniex hin x’nahlu. Kollox ta’ malajr ried isir. Karti jiena qatt ma ffirmajt meta jiena krejt.”* (fol. 64). Kazijiet bhal dawn jinqalghu ghaliex l-affarijiet ma jsirux sew. L-atturi lanqas kienu johorgu kontijiet per ezempju kull xahar. Il-qorti ma tistaghgibx li b’din is-sistema inqalghu l-problemi.

Mar-rikors promotur l-atturi pprezentaw rendikont dwar kirjiet li saru fil-perjodu bejn is-sena 2003 u l-2008 (fol. 2-6). Minn dan id-dokument hu evidenti li l-bilanc li qeghdin jitolbu minghand il-konvenut jirreferi ghal dan il-perjodu. Skond dan id-dokument l-atturi krew vetturi b’valur ta’ €9,105 u l-konvenut hallas akkont €3,260. Ghalhekk fadal bilanc ta’ €5,845.91. Wara li nghalaq il-gbir tal-provi l-atturi pprezentaw nota li biha rriducew it-talba li qeghdin jippretendu ghal **erbat elef mitejn u tmienja u erbghin ewro (€4,248)**. Jirrizulta li qabel giet intavolata l-kawza l-atturi kienu baghatu ittra ufficjali li permezz taghha interpellaw lill-konvenut ihallas is-somma ta’ €11,290.88 (ara fol. 26-27).

Jidher li d-dokument a fol. 2 gie mhejji minn pitazz li jinsab a fol. 36. L-atturi jallegaw li bejn 2003 u 2008 krew lill-konvenut **228 vettura**. Da parti tieghu l-konvenut qieghed

isostni li skond ir-records tieghu ha **194 il-vettura**. Ghalhekk hemm diskrepanza ta' **34 vettura**[1].

L-attur isostni li mill-2003 il-kera ghal kull gurnata kienet ta' Lm17 (€39.60), li minnhom Lm5 (€11.65) kienet ghal petrol li jkun hemm fil-vettura meta tinghata lill-konvenut[2]. Il-konvenut isostni li ghall-bidu r-rata kienet ta' Lm16 (€37.26) ghal kull gurnata u li kien biss snin wara li r-rata zdiedet.

Il-qorti hi sodisfatta li fis-sena 2003 il-kera kienet ta' Lm16 (€37.26) ghal kull gurnata. F'dan ir-rigward Jerry Vella ippezenta rendikont (Dok. XX3) li l-attur ta lill-konvenut ghas-sena 2003[3]. It-total hu ta' ***"Lm1,520 inc petrol."*** u kull kirja hi bir-rata ta' Lm16 (€37.27). L-attur ma kkontestax li dan id-dokument sar minnu u li baghatu lill-konvenut, ghalkemm xehed: *"B'riferenza ghad-dokument XX3 li pprezenta llum Jerry Vella, jiena nsostni illi hemm zball fid-dokument ghaliex ir-rata kienet ta' sbatax-il lira Maltin (Lm17) u mhux ta' sittax-il lira Maltin (Lm16)."* (fol. 77). Ghall-qorti din id-dikjarazzjoni m'hijiex bizzejjed. Dok. XX5 hu rendikont iehor li l-attur ta lill-konvenut (fol. 75) u li wkoll jirreferi ghas-sena 2003. F'dan id-dokument ir-rata hi wkoll ta' Lm16 (€37.27) kuljum. Ix-xiehda ta' Joseph Cremona, hu l-attur, hi indizju li matul is-sena 2003 ir-rata kienet ta' Lm16 (€37.26) ghal kull gurnata. Ix-xhud qal: *"Minghalija sat-two thousand and three (2003) ir-rata kienet ta' sittax-il lira Maltin (Lm16) kuljum."* (fol. 81). F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax taccetta t-tezi tal-attur li mill-2003 kera ghal gurnata kienet ta' Lm17 (€39.60).

In-numru ta' vetturi fid-dokument XX3 (fol. 73), 95 b'kollox, jabel perfettament man-numru ta' vetturi registrati fid-dokument A a fol. 2 li l-atturi pprezentaw mar-rikors promotur.

Mill-provi rrizulta li fil-perjodu in kwistjoni l-konvenut ghamel dawn il-pagamenti:-

---

[1] Ara dokument a fol. 41 prezentati fil-5 ta' Marzu 2010 permezz ta' nota (fol. 37).
[2] Deposizzjoni tal-attur fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2010 (fol. 76).
[3] Prezentat fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2010 (fol. 73).

i. 4 ta’ Settembru 2001......€1,155.37;
ii. 2 ta’ Novembru 2002......€1,889.12,
iii. 18 ta’ Marzu 2004...........€1,863.50;
iv. 3 ta’ Settembru 2004......€ 1,863.50;
v. 17 ta’ April 2006.............€ 1,048.22;
vi. 10 ta’ Settembru 2006.....€1,630.56;
vii. 28 ta’ April .....................€1,630

TOTAL........................................**€11,080.27[4].**

Meta tressqu l-provi dwar dawn il-hlasijiet li saru minn Zahra, l-atturi bidlu l-istrategija fis-sens li ghamlu riferenza ghall-kontijiet ta’ qabel is-sena 2003. Jirrizulta li r-records li ghandu l-konvenut jibdew mid-19 ta’ Awwissu 2001 (ara CD prezentat fid-29 ta’ April 2010 permezz ta nota – fol. 67). Wara li l-qorti ghamlet paragun bejn dan id-dokument u statements li rrizulta li kien baghat l-attur lill-konvenut (Dok. XX3-XX4[5]) taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

a. Dwar **sena 2000** il-konvenut m’ghandux record. Min-naha l-ohra l-attur ipprezenta notamenti originali (fol. 36) minn fejn jidher li f’erbgha okkazzjonijiet inkrew vetturi u sar il-hlas.
b. Dwar **sena 2001-2002** tista’ tghid li hemm qbil bejn records tal-konvenut (ara CD) u statement Dok. XX4 (fol. 74) li ntbaghat mill-attur. L-uniku diskrepanza hi ta’ 5 vetturi li jinghad li nkrew fit-30 ta’ Gunju 2001. Fatt li jirrizulta wkoll mir-records miktubin bl-idejn mill-attur (ara fol. 36). Ghalhekk total ghal dan il-perjodu hu ta’ **Lm1,932 (€4,500)**.
c. Dwar **sena 2003** tista’ tghid li hemm qbil f’uq kollox hlief li fir-records tal-konvenut jinghad li fit-23 ta’ Marzu 2003 kien ha 4 vetturi filwaqt li m’hemmx notament ta’ dan fir-rendikont XX3 li baghat l-attur. Inoltre filwaqt li fir-records ta’ Zahra fl-4 ta’ Ottubru 2003 ha 5 vetturi, skond

[4] Ara dokument a fol. 55 u min-nota li pprezentaw l-atturi fl-ahhar seduta hu evidenti li qeghdin jaqblu li.
[5] Il-qorti tirrileva li d-dokument XX5 (fol. 75) hu tista’ tghid riproduzzjoni tad-dokument XX3 (fol. 73) u jirreferi ghas-sena 2003. Dan id-dokument m’huwiex rilevanti ghal konsiderazzjonijiet li ser taghmel il-qorti.

Dok. XX3 kienu 6 vetturi. Ifisser li t-total ghall-kiri ta’ vetturi fis-sena 2003 hu ta’ Lm1568 **(€3,652.46)**.

Ghalhekk ghas-snin 2001 sa 2003 il-kont kellu jkun ta’ **€8,152.46**, li thallsu permezz tal-pagamenti numru (i) sa (v) u parti minn (vi). Hu car ukoll li l-atturi ma kienux qeghdin jippretendu hlas ta’ imghax. Ghalhekk fadal bilanc ta’ **€2,927.81** li ghad iridu jitnaqqsu minn kwalsiasi ammont li ghadu dovut lill-atturi.

Tibqa’ l-problema dwar kirjiet li saru bejn is-snin **2004-2008**. Il-verzjoni tal-atturi hi bazata fuq dak li jirrizulta mill-pitazz a fol. 36 filwaqt li l-konvenut jirreferi ghall-kotba li kien izomm fiz-zmien tan-negozju u li gew esebiti fil-31 ta’ Jannar 2010. F’dan ir-rigward jinghad li ghas-sena:

a. **2004** – Hemm qbil dwar dati u numri ta’ vetturi li nkrew fit-18/9/2004; 26/9/2004; 15/10/2004; u 13/11/2004. Pero mir-records tal-konvenut fl-20/9/2004; 4/10/2004 u 15/11/2004 ma jirrizultax li kellu xoghol, u fil-5 ta’ Ottubru 2004 ma hax vetturi minghand l-atturi.
b. **2005** – Hemm qbil dwar dati u numri ta’ vetturi. Id-divergenza hi fuq il-kera ghal kull gurnata.
c. **2006** – Hemm qbil dwar dati u numri ta’ vetturi, bl-eccezzjoni tal-24/2/2006 (2 vetturi), 31/5/2006 (vettura) li ma jidhrux fir-records ta’ Zahra. Fl-imsemmija dati ma jirrizultax li l-konvenut kellu xoghol. Inoltre fid-9 ta’ Settembru 2006 l-atturi ghandhom imnizzel tlett vetturi filwaqt li Zahra tnejn. Mir-records ta’ Zahra jirrizulta li fit-8 ta’ Settembru 2006 kien kera tlett vetturi (LEK182, LAK581 u JAK703 bil-kera ta’ Lm17 il-wahda). L-ghada jissemmew biss zewg vetturi li huma tal-atturi (LAK581 u JAK703) versu l-kera ta’ Lm17 ghal kull gurnata.
d. **2007** – il-kontendenti jaqblu fir-rigward tan-numru ta’ vetturi li nkrew. Id-divergenza hi dwar il-kera ghal kull gurnata. Skond l-atturi l-kera kienet ta’ Lm18 (€41.93) filwaqt li skond il-konvenut Lm17 (€39.60) ghal kull gurnata.
e. **2008** – il-kontendenti jaqblu fir-rigward tan-numru ta’ vetturi li nkrew. Id-divergenza pero hi l-istess bhal dik ghas-sena 2007.

Nafu li min jallega jrid jipprova. L-atturi jridu jipprovaw li:-

i. Il-kera ghas-snin 2004-2006 kienet ta' Lm17 (€39.60) ghal kull gurnata, filwaqt li ghas-snin 2007-2008 kienet ta' Lm18 (€41.93). Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2010 l-attur iddikjara li *"..... meta kien jikri l-vetturi lill-konvenut: 1. ir-rata hija ta' sbatax-il lira Maltin (Lm17) ghal kull gurnata (tnax-il lira ghall-vettura u hames liri ghall-petrol)."* (fol. 32).

ii. Il-konvenut ha l-vetturi kollha li jissemmew fid-dokument anness mar-rikors promotur. Il-qorti hi moralment konvinta li l-pitazz li fih hemm notament tal-kirjiet ta' vetturi m'huwiex id-dokument originali (ara pitazz a fol. 36 li jirreferi ghas-snin 2003-2008) li fih l-atturi kienu jnizzlu d-dettalji dwar vetturi li kien qieghed jikri l-konvenut.

Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxilhom jressqu provi li n-numru ta' vetturi u l-kera kienu skond ma jinghad fil-pitazz (fol. 36). Dan id-dokument hu l-uniku prova u kontrih hemm il-ktieb li kien izomm il-konvenut. F'dan l-istat ta' kunflitt ta' provi l-qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u tikkonkludi li ghandha tipprevali l-verzjoni tal-atturi. Il-qorti tosserva li:-

i. Il-konvenut ipprezenta d-dokument originali li kien izomm fiz-zmien li kien qieghed isir in-negozju bejn il-kontendenti;

ii. F'kaz hekk lampanti ta' kunflitt, il-qorti m'ghandix triq ohra ghajr li tapplika r-rati ta' kera u numru ta' vetturi li m'hemmx kwistjoni dwarhom. Mill-provi li tressqu m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li l-verzjoni tal-atturi hi iktar kredibbli minn dik tal-konvenut. Il-verzjonijiet li taw il-kontendenti huma bazati biss fuq dak jirrizulta mir-records li pprezentaw waqt is-smiegh tal-provi. Ghalkemm hu minnu li b'dan it-tip ta' ragunament wiehed jista' jargumenta li l-verzjoni tal-konvenut qeghda titwemmen, il-qorti qeghda taghmilha cara li qeghda tasal ghal din il-konkluzjoni minhabba kunflitt ta' provi u xejn iktar. F'tali cirkostanzi sejra taddotta:-

(a) Ir-rata tal-kera li dwarha zgur m'hemmx kwistjoni. Id-divergenza hi biss dwar iz-zejjed li qeghdin jippretendu l-atturi fis-sens li mis-sena 2004 sal-2006 jippretendu li kien Lm1 iktar (Lm17 ghal gurnata) u mis-sena 2007 sal-2008 jippretendu li kien Lm1 ohra iktar (Lm18 ghal gurnata).
(b) In-numru ta' vetturi li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li effettivament inkrew lill-konvenut.

Ghalhekk il-kalkoli ser isiru fuq dawn it-totali:

- Sena 2004 - €633.59
- Sena 2005 - €447.24
- Sena 2006 – €1,521.1[6]
- Sena 2007 - €1,234.79
- Sena 2008 - €277.72

**TOTAL............€4,114.40**. Minn dan l-ammont irid iridu jitnaqqsu l-bilanc tal-pagamenti li kien ghamel il-konvenut u cjoe' **€2,927.81**, li jfisser li l-ammot li hu dovut mill-attur hu ta' **elf mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,186.63)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,186.63). Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 20% a karigu tal-konvenut u 80% a karigu tal-attur. L-imghax jiddekorri minn meta nghalaq il-kont tal-konvenut, cjoe' 15 ta' Settembru 2008 meta ma baqax isir negozju bejn il-kontendenti.**

---

[6] Dwar kirjiet li saru fil-25 ta' April 2006 u 9 ta' Gunju 2006 li skond records ta' konvenut kienu ghal Lm14 ghal gurnata u Lm16 ghal gurnata rispettivament, il-qorti ser taddotta rata ta' Lm17 ghal gurnata peress li hu evidenti li minn dak iz-zmien il-kera kienet diga ta' Lm17 ghal gurnata. Ghalkemm il-konvenut isostni li meta jkun ha vettura ghal gurnata u jzommha ghal gurnata ta' wara, ir-rata kellha tonqos peress li fit-tieni jum l-attur ma kienx jaghmel petrol fil-vetturi, dan hu kontestat mill-attur (ara fol. 76). Fic-cirkostanzi l-qorti ser tiskarta dak li jinghad f'paragrafu (d) tar-rapport ex parte li pprezenta Jerry Vella prodott mill-konvenut (ara fol. 52).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------